# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 194/2017/LSO**

**Tatjana Jovanova - Mitrovic f'isimha u ghan-nom ta' binha minuri Andrej Mitrovic.**

**vs**

**[1] Direttur tar-Registru Pubbliku: u**
**[2] Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Tatjana Jovanova - Mitrovic detentrici tal-passaport Olandiz bin-numru NT7FL9F36 datat 2 ta’ Marzu 2017 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti kienet izzewget IiI certu Aldo Lombardi, cittadin Malti nhar it-22 ta Gunju 1994 u dana kif jirrizulta mill-att ta' zwieg (anness u mmarkat bhala Dok A) u minn dan iz-zwieg ma kien hemm ebda wild;

Illi in segwitu ghaz-zwieg tal-esponenti ma’ Aldo Lombardi, hija hadet il-kunjom ta' zewgha u cioe`` Lombardi.

Illi l-esponenti kienet isseparat minn Aldo Lombardi b'kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius datat 19 ta' Gunju 1996 (kopja anness u mmarkat bhala Dok B);

Illi *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit, senjatament l-artikolu 7*,* l-esponenti kellha tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe` Jovanova.

llli permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Municipali ta’ Sarajevo, bin-numru P477/98II u datat 30 ta' Settembru 1998 (kopja tas-sentenza kif ukoll tat-traduzzjoni relattiva qed jigu annessi u mmarkati komplessivament bhala Dok C) l-esponenti hadet id-divorzju minn mal-imsemmi Aldo Lombardi.

Illi is-sentenza ta' divorzju fuq imsemmija kienet giet sussegwentement debitament registrata fir-Registru

Pubbliku ta' Malta u dana fis-16 ta' Frar 1999 (kopja tar-registrazzjoni anness u mmarkat bhala Dok D);

Illi wara d-divorzju taghha l-esponenti marret tirrisjedi gewwa l-Olanda fejn minn relazzjoni ma’ certu Milorad Mitrovic twieled tifel Andrej fl-1 ta' Settembru 2002.

Illi l-wild tal-imsemmi Andrej Mitrovic kienet giet registrata gewwa l-Olanda senjatament fil-belt ta' Rotterdam fid-9 ta' Ottubru 2002 kif jidher mid-dokument bin-numru tar-registrazzjoni 1A1990 anness u mmarkat bhala Dok E, izda l-imsemmi tifel inghata l-kunjom ta' Lombardi *stante* illi dak iz-zmien il-passaport tal-omm kien ghadu jirreferi ghall-kunjomha bhala Lombardi;

Illi t-twelid tal-minuri Andrej gie registrat hawn Malta u dana kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok F, u dan gie registrat bhala Andrej Lombardi;

Illi sussegwentement il-missier naturali tal-minuri, u cioe` Milorad Mitrovic irrikonoxxa lil Andrej bhala ibnu gewwa l-Olanda nhar id-19 ta' Dicembru 2003, dan kif jirrizulta mid-dokumenti ufficjali ga anness u mmarkati bhala Dok G, u konsegwentement il-minuri inghata l-kunjom ta' missieru u cioe` Mitrovic;

Illi l-awtoritajiet Maltin gew notifikati b'dan it-tibdil u konsegwentement il-passport Malti tal-minuri nhareg b'kunjomu bhala Mitrovic (kopji ta’ diversi passaporti f’ isem Andrej Mitrovic annessa u mmarkata bhala Dok H), u dana

minkejja illi kien hemm kunflitt bejn il-kunjom tieghu fuq l-att tat-twelid u dak imnizzel fil-passaport.

Illi fit-3 ta' Marzu 2014 l-esponenti giet infurmata mill-Awtoritajiet Maltin illi sakemm dan il-kunflitt jigi sanat huma ma kienux ser jirrilaxxaw passaport f’ isem Andrej Mitrovic (Kopja tal-ittra datata 3 ta' Marzu 2014 annessa u mmarkata bhala Dok I);

IIIi ghalhekk il-minuri Andrej ghandu interess illi l-att tat-twelid tieghu jigi korrett fis-sens illi kunjomu jitnizel bhala Mitrovic u dana sabiex jigi jirrifletti l-atti illi hemm fir-Registru Pubbliku gewwa l-Olanda.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti *proprio et nomine* titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

[1] Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Andrej Lombardi (Att Numru 1177/03), fis-sens illi l-kunjom tal-esponenti omm tal-minuri jigi indikat bhala *Jovanova-Mitrovic* minflok *Lombardi;*

[2] Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Andrej Lombardi (Att Numru 1177/03), fis-sens illi l-kunjom tal-minuri jigi indikat bhala *Mitrovic* minflok *Lombardi;*

U li dan issir taht dawk il-pattijiet kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha timponi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta’ April 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta’ Marzu 2017 (fol 31) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in linea* preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan *ai termini* **tal-Artikolu 181 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u** ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok, ghandu jinghad li *ai termini* **tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-attur ma ddikjarax taht liema artikolu tal-ligi qed issejjes din il-kawza istanti, u ghaldaqstant l-esponent jemmen illi jkun ta' beneficcju kieku l-attur jaghmel dan sabiex l-

esponent ikun f' pozizzjoni li jwiegeb ghal dan ir-rikors guramentat b'iktar konkretezza;

5. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid tal-minuri Andrej Mitrovic li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1177 tas-sena 2003, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

6. Illi jintqal illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv 1177 tas-sena 2003 saret skont **l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** F'dan l-istadju l-esponent jissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont kif kienet prezenti fl-att esteru provdut lilu;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

8. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

9. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u

kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 6 ta' April, 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Natalino Caruana De Brincat ghall-attrici u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Natalino Caruana De Brincat ivverbalizza li l-kawza qed issir *ai termini* tal-Art 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-difensuri tal-partijiet li l-kaz jista' jigi nkwadrat taht Artikolu 244 u d-difensuri ghandhom jirregolaw ruhhom dwar dan il-punt sal-finali trattazzjoni. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri. Ghal kull buon fini d-difensuri tar-rikorrenti ddikjaraw li l-kawza ghandha tigi ezaminata wkoll taht l-Art 244 tal-Kap 16. Id-difensuri tal-partijiet talbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

**Legittimu Kontradittur**

Illi gie eccepit li *in linea* preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan *ai termini*

**tal-Artikolu 181 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u** ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ili Qorti taqbel li l-legittimu kontradittur **skont l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** f'dawn il-proceduri huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku u konsegwentement qed tilqa' din l-eccezzjoni u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni fl-atti tal-istat civili. Illi ukoll fit-termini tal-**artikolu 244 tal-istess Kodici Civili** l-intimat Direttur ghandu jaccetta li jirrikonoxxi att ta' registrazzjoni ta' *inter alia* att tat-twelid maghmul jew registrat f'pajjiz barrani skont il-ligi f'dak il-pajjiz.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-7 ta' Marzu 2017 (fol 29) u b'hekk it-tieni eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-kunjom ta' binha minuri, kif ukoll il-kunjom taghha stess kif muri fic-certifikat tat-twelid ta' binha minuri Andrej jigi korrett fis-sens, li l-kunjom ta' omm il-minuri jigi indikat bhala "Jovanova-Mitrovic" minflok "Lombardi", filwaqt li l-kunjom tal-minuri fl-istess att tat-twelid jigi indikat bhala "Mitrovic" minflok "Lombardi".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu.

Illi jirrizulta li fil-verbal tas-6 ta' April 2017, gie dikjarat mill-avukat difensur tar-rikorrenti, li l-kawza odjerna giet istitwita *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap 16, u gie dikjarat , inoltre, li l-kaz in ezami ghandu jigi ezaminat ukoll taht l-artikolu 244 tal-Kap 16. Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' eccezzjoni.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` tal-persuna kkoncernata. Ir-registrazzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Andrej f'Malta (Dok F, fol 16) saret abbazi ta' dak indikat fic-certifikat esteru u cioe` Dok E esebit a fol 15. Illi r-rikorrenti xehdet b'affidavit, fejn ikkonfermat li fit-22 ta' Gunju 1994 kienet izzewget lil Aldo Lomabrdi, cittadin Malti, izda sseparat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja datat 19 ta' Gunju 1996, u anke ottjeniet divorzju f' Sarajevo fit-30 ta' Settembru 1998 hekk kif annotat fuq ic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 u fol 6 *a tergo.* Semmiet li sussegwentement marret tghix fl-Olanda fejn kellha relazzjoni ma' Milorad Mitrovic, u kellhom tifel imwieled fl-Olanda bl-isem Andrej. Spjegat li meta marret biex tirregistra l-wild ta' binha kellha biss il-passaport Malti bhala dokument ufficjali, fejn kienet ghadha mnizzla bil-kunjom Lombardi u ghalhekk binha Andrej tnizzel bil-kunjom Lombardi wkoll. Izda, meta sussegwentement, izzewget lil Milorad Mitrovic, li rrikonoxxa lil binhom Andrej,

izda, minhabba l-kunflitt fil-kunjom tat-tifel, giet infurmata mill-Awtoritajiet Maltin li ma setax jinhariglu passaport bil-kunjom Mitrovic.

Milorad Mitrovic ikkonferma wkoll b'affidavit li meta twieled binhom Andrej, u r-rikorrenti marret biex tirregistra dan, kellha biss passaport Malti li kien ghadu bil-kunjom Lombardi, u peress li hi u r-rikorrenti kienu ghadhom mhumiex mizzewgin binhom Andrej ma setax jitnizzel bil-kunjom Mitrovic. Izda, wara, li hu rrikonoxxa lil Andrej, fl-att tat-twelid ta' binhom f' Rotterdam, il-kunjom ta' binhom gie indikat bhala "Mitrovic" hekk kif jidher f'dokument esebit a fol 51 u t-traduzzjoni a fol 55. Inoltre`, ir-rikorrenti esebiet mar-rikors promotur, kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni taz-zwieg precedenti ma' Aldo Lombardi Dok B (fol 7-9) u kopja tad-divorzju li ottjeniet f' Sarajevo Dok C (fol 10-13), liema divorzju gie registrat fir-Registru Pubbliku, Dok D (fol 14). Gew esebiti wkoll kopji ta' dokumenti ufficjali Olandizi Dok G (fol 17-18).

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Izda fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu impost fuq ir-rikorrenti billi ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-

gudizzju, tiddisponi mill-eccezzjonijiet rimanenti billi tichad l-istess u tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Andrej Lombardi (Att Numru 1177/03), fis-sens illi l-kunjom ta' omm il-minuri fl-imsemmi certifikat jigi indikat bhala *Jovanova-Mitrovic* minflok *Lombardi;*

[2] Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Andrej Lombardi (Att Numru 1177/03), fis-sens illi l-kunjom tal-minuri jigi indikat bhala *Mitrovic* minflok *Lombardi;*

Tordna wkoll illi kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta’ Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Mejju 2017**